MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta tat-30 ta' Novembru, 2007

Citazzjoni Numru. 2282/1999/1

**Adrian John Schembri**

**vs**

**Mario Mifsud**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn l-attur ippremetta:

Illi waqt li huwa kien qed isuq il-vettura Subaru DBE 102 f’Notabile Road Imriehel habat mal-vettura numru CAT 294 misjuqa mill-konvenut;

Illi b'rizultat ta' dan l-incident l-attur sofra danni konsistenti fi telf ta' xoghol u debilita' permanenti sofferti minnu stess kif ukoll danni fil-vettura DBE 102 li giet dikjarata "total loss";

Illi ghal dan l-incident u konsegwenzjali danni kien unikament responsabbli il-konvenut minhabba imperizja negligenza u inosservanza tar-regolamenti;

Illi il-konvenut mitlub biex jaghmel tajjeb ghad-danni imgarrba mill-attur baqa' inadempjenti;

Ghalhekk l-attur talab li l-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex : -

1. tiddikjarah unikament responsabbli ghall-incident awtomobilistiku de quo u ghall-konsegwenzjli danni li sofra l-attur;

2. tillikwida d-danni occorrendo bl-opra ta' periti nominandi;

3. tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur s-somma hekk dikjarata bhala dovuta in linea ta' Danni;

Bl-ispejjez u imghax legali kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni tal-attur debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn gie eccepit:

1. Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjes kontra l-istess atturi billi l-kollizjoni tal-10 ta' Lulju 1999, meritu tal-kawza, grat minghajr htija jew nuqqas tal-konvenut, izda biss minhabba t-tort u t-traskuragni tal-istess attur;

2. Illi skond ma gie riferit lill-eccipjent, mill-kumpanija assikuratrici tieghu, d-danni pretizi mill-attur huma

ezagerati u ghalhekk l-eccipjenti jirriserva d-dritt illi jikkontrolla d-danni hekk pretizi mill-attur;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut debitament konfermata bil-gurament u l-listsa tax-xhieda tieghu;

Rat id-digriet taghha tat-23 ta' Ottubru 2000 li bih gie nominat bhala espert mediku d-dentist Dr. Simon Camilleri u dana bil-fakolatijiet kollha soliti;

Semghet lill-attur u lix-xhieda minnu prodotti;

Rat il-verbal tas-sediuta tat-12 ta' Frar 2001 minn fejn jirrizulta li l-attur iddikjara li l-valur pre-accident tal-vettura tieghu kien ta' Lm3600 u li r-wreck value hu ta' Lm300;

Rat ir-rapport tal-espert mediku nominat debitament konfermat bil-gurament fil-kors tas-seduita tat-18 ta' Gunju 2001 u f'liema seduta l-istess espert mediku kkonferma li li l-konkluzjoni tieghu hi fis-sens li ma hemmx dizabilita' permanenti sakhemm isir it-trattament indikat fir-rapport;

Rat id-digriet tas-6 ta' Settembru 2001 li bih gie nominat bhala espert mediku it-Tabib Dottor Francis X. Darmanin bil-fakoltajiet kollha soliti;

Rat l-affidavit tal-konvenut u semghet ix-xhieda prodotti mill-istess konvenut;

Semghet lill-konvenut in kontro-ezami;

Rat il-verbal tas-seduta tas-6 ta' Mejju 2002 minn fejn jirrizulta li l-konvenut iddikjara li mhux il-kaz li jigu prodotti provi ulterjuri dwar dak li hemm indikat a fol.32 u minn fejn jirrizulta ukoll li l-partijiet qabblu li fiz-zmien tal-incident in kwestjoni l-attur kien jippercepixxi salarju gross ta' Lm50 fil-gimgha;

Rat ir-rapport tal-espert mediku t-tabib Dr. Francis X. Darmanin debitament konfermat bil-gurament fil-kors tas-seduta tal-20 ta' Frar 2003;

Rat in-nota ta’ osservazzjonijiet tal-attur;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Rat li l-kawza giet differita sabiex tinghata s-sentenza;

Ikkonsidrat:

Mill-provi prodotti jirrizulta li fl-10 ta’ Lulju 1999 ghall-habta tas-2.00am sehh incident stradali f’Notabile Road Imriehel. Involuti f’dan l-incident kien hemm l-attur li kien qed isuq il-vettura tieghu tal-marka Subaru numru ta’ registrazjoni DBE 102 u l-konvenut li kien qed isuq truck zghir tal-marka Kia numru ta’ registrazzjoni CAT 294 proprjeta tal-istess konvenut. Jirrizulta li t-triq in kwestjoni hi pjuttost wiesgha pero’ m’hemmx sinjali fit-triq li jaqsmu karreggjata minn ohra u jirrizulta ukoll li l-kollizjoni grat fejn hemm fetha fis-centre strip, pero' wiehed ma jistax idur minn din il-fetha. Wara li habtu l-vetturi, l-attur baqa diehel fil-hajt tal-akwedott bin-naha ta’ quddiem tal-vettura tieghu. Inotre jirrizulta li bhala konsegwenza ta' dan l-incident il-vettura tal-attur giet dikjarata li kienet “total loss” u li l-attur sofra danni ohra inkluz li huwa sofra deblita’ permanenti;

L-attur, fic-citazzjoni, jippremetti li bhala rizultat tal-imsemmi incident l-attur sofra danni konsistenti f’telf ta’ xoghol, debilita’ permanenti u danni fil-vettura tieghu li giet dikjarata li kienet “total loss.” L-attur jippremetti ukoll li l-konvenut hu unikament responsabbli ghall-incident in kwestjoni u ghad-danni kollha konsegwenzjali. Fuq dawn il-premessi l-attur talab li l-konvenut jjigi dikjarat unikament responsabbli ghall-incident awtomobilistiku in kestjonu u ghad-danni kollha konsegwenzjli sofra l-attur. L-attur qed jitlob ukoll li jigu likwidati dawn id-danni u li lknvenut jigi kundannat ihallas id-danni hekk likwidati;

Da parti tieghu l-konvenut qed jeccepixxi li l-kollizjoni meritu tal-kawza grat biss bi htija tal-attur u li d-danni pretizi mill-attur huma ezagerati. Fid-dikjarazzjoni tieghu l-konvenut jispecifika li l-incident gara billi l-attur baqa’

diehel fil-vettura tal-konvenut, li fil-hin tal-incident kien qed jsuq quddiem l-attur;

Il-partijiet jghatu zewg verzjonijiet kontrastanti ta' kif sehh l-incident in kwestjoni. L-attur jghid li kien ghaddej fit-triq in kwestjoni hdejn is-centre strip, filwaqt li l-konvenut kien ghaddej fuq in-naha ta barra tat-triq cioe' mal-bankina. Il-konvenut kien qieghed quddiem l-attur. L-attur kompla jixhed li fil-hin li kien ser jaqbez il-konvenut, l-istess konvenut minnghajr ma ta ebda indikazzjoni qabad u mar ghall-karreggjata fejn kien qed isuq l-istess attur, cioe' dar ghal fuq il-lemin tieghu, u b'hekk grat il-kollizjoni. L-attur ikonferma li kien qed isuq bil-mod meta beda jissorpassa lill-konvenut u li kien wasal san-nofs tal-vettura tal-konvenut meta l-konvenut ghamel il-manuvra li wasslet ghall-kollizzjoni. L-attur jghid li sa fejn jista jghid hu l-konvenut ma kellux dwal fuq in-naha ta'wara tat-truck tieghu;

Da parti tieghu l-konvenut jghid li kien qed insuq fuq in-naha tax-xellug lejn in-nofs tat-triq u f'hin minnhom hass daqqa minn wara u konsegwentement il-vettura tieghu daret ta' taht fuq. Bid-daqqa huwa hareg mill-"windscreen" u sab ruhu mal-art fit-triq. Skond il-konvenut id-daqqa kienet tant kbira li mal-impatt inqala' u tqaccat is-seatbelt li kien liebes. Huwa qal li qabel il-habta ma kienx induna bil-presenza tal-attur fit-triq. Huwa jichad li kien ser idur mill-fetha li hemm fis-centre-strip;

In vista ta' certi rizultanzi, b'mod partikolari d-daqqiet li garbu il-vetturi fl-incident, il-verzjoni li joffri l-attur hi aktar kredibbli u aktar verosimili. Il-vettura li kien qed isuq l-attur sofriet danni estensivi fuq quddiem u fuq il-genb taghha man-naha tal-passigier tal-karozza. Il-hsarat fuq in-naha ta' quddiem saru meta l-attur baqa diehel fil-hajt tal-akwedott wara li habat mal-konvenut. Mhux probabbli li l-hsarat fuq in-naha laterali gew ikkawzati mal-habta mal-akkwedott u dawn jidhru li gew ikkawzati meta l-konvenut ittanta jdur ghal fuq il-lemin tieghu. Kif qal l-istess konvenut huwa ma ndunax bl-attur hlief wara l-habta u ghalhekk huwa ttanta jghamel il-manuvra in kwestjoni

minnghajr ma spezzjona t-triq u minnghajr ma ta’ ebda indikazzjoni;

Barra minn hekk, kif gia nghad, il-konvenut ma kienx induna bil-presenza tal-attur, li da parti tieghu jghid li hu kien rah lill-konvenut isuq quddiemu fil-karreggjata l-ohra. Ghalhekk hu aktar probabbli li l-konvenut gibed ghal fuq il-lemin tieghu fuq in-naha tat-triq fejn kien qed isuq l-attur, milli li l-attur, li kien jaf bil-vettura tal-konvenut, gibed ghal fuq il-lane ta’ gewwa. Inoltre, skond kif qal l-attur, jidher li l-konvenut ma kellux dawl fuq in-naha ta’ wara. Dan il-fatt b’ebda mod ma gie kontestat mill-konvenut;

Ghalhekk il-hsarat li sofrew iz-zewg vetturi jindikaw li l-habta saret lateralment u mhux kif isostni l-konvenut. Kieku l-habta verament sehhet kif qal il-konvenut il-probabilita’ hi li l-vettura misjuqa mill-istess konvenut x’aktarx li ma kinitx tinqaleb;

Ghal dawn ir-ragunijiet kollha il-konvenut ghandu jigi ritenut unikament responsabbli ghal dan l-incident. Ma tirrizulta ebda responsabilita’ minn naha tal-attur;

Kwantu ghal likwidazzjoni tad-danni jirrizulta sufficjentement li l-vettura tal-attur bhala kawza ta’ dan l-incident giet iddikjarata bhala “beyond economical repair” u ghalhekk “total loss”. Is-surveyor li esamina l-istess vettura vvaluta l-valur tal-vettura qabel l-incident fis-somma ta’ elfejn u tlett mitt liri maltin u r-“wreck value” fl-ammont ta’ tlett mitt liri maltin (Lm300). Tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz dawn il-valutazzjonijiet jidhru li huma ragjonevoli u ghandhom jigu addottati. Konsegwentement id-danni sofferti mill-attur f’dan ir-rigward jammontaw ghas-somma ta’ elfejn liri maltin (Lm2000). Jirrizulta ukoll li l-attur ghamel ghaxar (10) gimghat nieqes mix-xoghol dejjem kawza tal-incident. Jirrizulta li fiz-zmien in kwestjoni s-salarju tal-attur kien ta’ hamsin liri maltin (Lm50) fil-gimgha. Ghalhekk f’dan ir-rigward jigi li l-attur tilef Lm500 (10 gimghat x Lm 50). Fl-opinjoni tal-Qorti dan l-ammont ghandu jitnaqqas ghal nofs (Lm250) in vista tal-ligijiet tas-Sigurta’ Socjali u ligijiet ohra vigenti;

L-espert mediku dentist ikkonkluda li l-attur ma sofriex dizabilita permanenti fi sninu, pero' hemm bzonn kura u trattament tas-snin li b'kollox tigi tiswa elf liri maltin (Lm1000). Dan il-kalkolu hu bbazat fuq il-prezzijiet tas-sena 2000 u allura hu ragjonevoli li l-isemmija valutazzjoni tizdied b'rata ta' ghaxra fil-mija (10%) u cioe tizdid ghas-somma ta' elf u mitt liri maltin (Lm1100). L-espert mediku nominat wasal ghal konkluzjoni li l-attur sofra disabilita' ammontanti ghal seba fil-mija (7%). Fiz-zmien tal-incident l-attur kellu 26 sena u ghalhekk l-aspettattiva hi ta' 35 sena sakhemm jasal ghal pensjoni. Kif gia rilevat, fiz-zmien tal-incident, l-attur kellu salarju ta' Lm50 fil-gimgha u ghalhekk paga annwali ta' Lm2600. Ghal finijiet ta' din il-likwidazzjoni il-paga annwali ghandha tigi kalkolata fis-somma ta' Lm3000 u dana tenut kont ta' dak kollu li jista jkun rilevanti f'dan ir-rigward bhala awmenti fil-paga u t-taxxa pagabbli. Ghalhekk 35 sena x Lm3000 x 7% = Lm7350. Peress li ser isir pagament wiehed f'daqqa ghandu jitnaqqas ghaxra fil-mija (10%). (Lm7350 – Lm735 = Lm6615);

Jirrizulta ukoll li l-ispejjez medici li nkorra l-attur jammontaw ghal mitejn u erba u tmenin liri u tlettax il-centezmu (Lm284.13);

Id-danni kollha sofferti mill-attur ghalhekk qed jigu likwidati fis-somma komplessiva ta ghaxart elef mitejn u disa u erbghin liri maltin u tlettax il-centezmu (Lm10249.13) u cioe' Lm2000 + Lm250 + Lm1100 + Lm6615 + Lm284.13 = Lm10249.13;

Ghal dawn il-motivi kollha:

Tiddeciedi billi fl-ewwel lok tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut u billi fit-tieni lok tilqa t-talbiet attrici u tiddikjara l-konvenut unikament responsabbli ghall-incident awtomobilistiku de quo u ghall-konsegwenzjali danni li sofra l-attur, tillikwida d-danni kollha sofferti mill-attur fis-somma komplessiva ta ghaxart elef mitejn u disa u erbghin liri maltin u tlettax il-centezmu (Lm10249.13) u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur l-imsemmija

somma ta' Lm10249.13 in linea ta' danni u dana bl-imghaxxijiet kollha legali mid-data ta' din is-sentenza sad-data tal-effettiv pagament;

Spejjez kollha kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------